"Le! — Ma nafx. Meta?"

"Jumejn ilu", wieġbu l-qassis filwaqt li beda jrodd slaleb wieħed wara l-ieħor għax bilkemm ried jemmen lil Patist.

* * *

Ma' din l-aħbar, Patist ma kienx jaf xinhu jagħmel aktar. Saħansitra telaq lil Dun Spir bħal erbgħa fost il-ġimgħa qisu ma kien qed jitkellem ma' ħadd u telaq igerger waħdu fuq iż-żwieġ ta' ħuh Pinu.

"Possibbli Pinu żżewweġ? beda jgerfex u jomgħod il-kliem Patist. "Hija kien jistmerru tant iż-żwieġ. Dak qatt ma ried jintrabat ma' ebda mara. Imma Dun Spir mhux bniedem taċ-ċajt. U lili kif kien ma stidinnix? Jien qatt ma għamiltlu xejn". Imbagħad kompla jaħseb u jqalleb xi folja oħra mill-ktejjeb li kellu f'moħħu. "U dil-mara min hi? Ara kif tellfitli xortija! Issa żgur li ntemmet kull tama li għad nistagħna. Saret għanja minfloki. Ja wiċċ ta' ħaġa kerha, avvolja ma nafx min hija, kif xorbithomli minn ħalqi. Iva ħej, fl-aħħar ta' xjuħitu ħija kellu jagħmilha u għamilha lili wkoll".

* * *

Baqa' sejjer hekk it-triq kollha. Jehwden u jredden waħdu. Sa fl-aħħar wasal id-dar bla ma ntebaħ b'martu li kienet qiegħda tistennih fil-bieb tal-għorfa. Meta stqarrilha kull ma kien sama' u kull ma kien għadda minn għalih f'dak il-jum, martu Liża wieġbitu xotta xotta.

"Eh Patist, dak li jiġrilu min igħodd il-flieles qabel ma jfaqqsu. Inti kont taħseb illi wasalt biex tiret lil ħuk Pinu, iżda hu kien ġa mhejji x'għandu jagħmel. Tabilħaqq li ferħa bla temma! Ħsibt li erbat ijiem oħra ser issir is-Sur Patist imma mort ħażin bil-ħsieb tiegħek għax bqajt fejn kont. Din ħudha tagħlima Patist, qatt tgħodd l-għasafar li jkunu qed ipassu u tgħid li huma tiegħek".

---



# QALB OMMU

## (LEĠĠENDA)

*Ta'* Jos. M. Manara

Staħbiet għal żmien u xandret li hi msiefra
Xennqitu b'ġmielha, u f'qalbha daħket bih;
Nasbitu b'ħażen kbir ta' mara kiefra
Biex tkompli tonsob dan l-għasfur sabiħ.

Bis-sengħa tax-xitan għamlitu tagħha,
Xejnitlu moħħu, baqgħet sa ma ħlietu;
Xebgħana hi, ħallietu fqir bla saħħa......
Biex teħles minnu żgur b'dal-kliem keċċietu:

Jekk tħobbni oqtol 'l ommok u ġib qalbha.
Int lilha tħobb u dejjem moħħok fiha.
Dejjaqtni! Itlaq! Issa xbajt imsallba,
U 'l hawn tersaqx sa tasal dik is-siegħa".

Idamdam f'moħħu beda l-kliem li sama',
Kien dara jobdi għal kull xewqa tagħha,
U bla ma jaf, b'sikkina 'l idu rama,
Kif qaltlu sar, u b'ġibda l-qalb qalagħha.

Qalagħha biex jeħodha lis-saħħara;
Żelaq u weġġa', u baqa' għajjien taħt ħajt.
Qalb ommu ferfret, u staqsiet bi ħrara:
Ibni!... Jaħasra!... Għidli, int weġġajt?!

---